**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Charles Farrugia**

**Kump Nru: 143/14**

**Illum 13 ta' Novembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Charles Farrugia detentur tal-karta tal-identita' numru 0321378M

Akkuzat talli fis-6 ta' Frar 2014 ghall-habta ta' 03:45hrs ikkommetta serq ta' 91.91 litru Diesel minn truck kummercjali tal-ghamla ERF, bin-numru tar-registrazzjoni HHQ 051 li jiswew madwar €125 ghad-dannu ta' Joseph Attard minn Hal Qormi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-haga misruqa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi laqa' ghandu hwejjeg misruqa cioe' 91.91 litru Diesel, li gew ghandu b'qerq kemm jekk sar f'Malta jew barra minn Malta meta dan kien jaf li kienu gejjin minn serq.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi dahal f'proprjeta' privat minghajr permess tas-sid.

U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposti fuqu billi kien barra mir-residenza tieghu fis-sieghat bikrin ta' filghodu meta ghandu kundizzjoni mposta fuqu mill-Magistrat Dr Anthony Vella LL.D fid-19 ta' Jannar 2014 u li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tal-helsien mill-arrest u li ma johrogx mir-residenza tieghu bejn il-20.00hrs u 08.00hrs taht garanzija personali ta' €5,000.

Rat in-nota ta' rinviju ta' gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli indikati.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab addebitat li fis-6 ta' Frar 2014 ghall-habta tat-03:45hrs ikkommetta serq ta' diesel minn trakk kummercjali, liema serq kien aggravat bil-mezz, hin u lok. Huwa gie wkoll addebitat bir-reat ta' ricettazzjoni, bi vjolazzjoni ta' proprjeta' privata, li huwa recediv u li kiser il-kundizzjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest tad-19 ta' Jannar 2014.

Fix-xhieda tieghu l-ex-**Spettur Joseph Agius**[1] jghid li fis-6 ta' Frar 2014 twettaq serq ta' diesel minn trakk kummercjali Reg Nru HHQ 051 li kien ipparkjat fejn Mike's Petrol Station gewwa Hal Qormi. Il-Pulizija marru

[1] Seduta tas-26 ta' Frar 2014

fuq il-post, wara informazzjoni li kien hemm persuna li kienet qed tisraq xi diesel, u sabu li kien hemm jerrycan ta' kulur isfar b'pajp imdendel go fih. Kif il-Pulizija waslet fuq il-post ragel li kien liebes *hood* gera lejn Peugeot ta' kulur ahmar, Reg Nru JAC 317 u harab minn fuq il-post. Instab hafna diesel imxerred mal-art. Wara verifiki li saru rrizulta lill-pulizija li l-vettura JAC 317 kienet registrata fuq certu Michael Abela miz-Zejtun. L-Ispettur Joseph Agius xehed li meta mistqosi Michael Abela qalilhom li kien ipparkja l-karozza faccata tal-Beland Club, Zejtun. Ingabru c-CCTV footages tal-Kazin milliema jidher persuna, skont l-Ispettur l-imputat, fis-7.30 a.m ipoggi l-vettura lura fuq il-post meta fit-tmienja ried ikun ghadu gewwa. Meta kien cempel u qalulu bil-kaz u li kien hemm jerrycan ta' ghaxar litri ta' lewn isfar, ghalkemm sa dak il-hin ma kienx ghadu ra l-filmati, deherlu li kien l-istess *modus operandi* li kellu allegatament serqa ohra mill-imputat fid-19 ta' Jannar 2014. B'hekk baghat lil PS 1429 biex imur jivverifika jekk l-imputat kienx id-dar u meta mar fir-residenza ma fetah hadd. Meta raw il-filmati tal-Petrol Station fejn kien ipparkjat it-trakk li minnu nsteraq id-diesel raw li l-istatura tal-bniedem li kien qed jahrab lill-pulizija hija tal-imputat ghalkemm ma kienx car ghaliex kien liebes il-hood. Meta fethu l-vettura u ccekkjawha wara li tpoggiet lura quddiem il-kazin kienet kollha diesel gol-boot ta' wara. Infethet Inkjesta Magisterjali u ttiehdu samples mill-istess vettura, u mill-jerrycan kif ukoll minn mal-art.

**PS 1429 Eric Mangion**[2] ikkonferma li fis-6 ta' Frar 2014 gie inkarigat mill-Ispettur Agius biex imur fir-residenza ta' Charles Farrugia ghall-habta ta' 03:45am. Habbat tlett darbiet u cempel l-intercom u ma rrisponda hadd. Huwa pero' telaq minn fuq il-post.

**Michael Abela**, is-sid tal-vettura Reg Nru JAC 317, xehed[3] li cempillu l-lavrant tieghu u qallu li ra l-karozza tieghu ghaddejja minn fejn il-Bank tal-HSBC taz-Zejtun u x-xhud qallu li huwa kien rieqed u ma setax ikun. Dan il-lavrant, Aaron Caruana, qallu li l-karozza ma kinitx quddiem il-hanut fejn kien halliha x-xhud. Sakemm mar ix-xoghol, Aaron Caruana qallu li kien mar xi had, tefa' l-karozza u telaq jigri u Michael Abela mar jaghmel rapport l-ghassa. Il-karozza kienet sal-10.30p.m/11p.m tal-gurnata quddiem il-hanut.

---

[2] Seduta tas-26 ta' Frar 2014

[3] Seduta tal-25 ta' Gunju 2014

**Tonio Zammit**, sid it-trakk Reg Nru HHQ 051, spjega[4] li kellu t-trakk ghand Mikiel tad-Diesel, Hal Qormi, billi kellu l-hsara. Huwa gie nfurmat minn huh xis-saghtejn ta' filghodu li xi had kien qed jehodlu d-diesel ghax kienu cemplulu l-pulizija u meta mar fuq il-post sab li t-trakk kellu go fih pajp u kien bla diesel. It-tank kien kwazi mimli u mimli jqarreb l-€400. Qal ukoll li hdejn it-trakk kien hemm landa safra tal-plastik.

**PS 772 Dennis Agius[5]** kien involut billi kellem lil Aaron Caruana u mar jara c-CCTV tal-Kazin. Imbaghad flimkien ma' PS 1386 marru fir-residenza tal-imputat li kien suspettat li wettaq is-serqa. Dan kien bejn id-9.30 u l-10a.m Dam biex nizel u talabhom jaghtuh cans jinhasel u jilbes. Sakemm kienu qed jistennew marret persuna fuq PS 1386 li rrappurtatlu li matul il-lejl xi had kien tefa' diversi laned tal-fuel fid-drive-in tal-garaxx taghha, li tigi bejn hames u sitt bibien boghod mir-residenza tal-imputat. Kien hemm xi sitt laned sofor. Ix-xhud fetah tnejn minnhom u kienu riha ta' fuel u elevahom. Meta nizel l-imputat tah id-drittijiet tieghu u arrestah.

**Aaron Caruana,** xehed[6] li fi Frar 2014 kien sejjer ghax-xoghol u ra l-karozza tad-delivery tal-post tax-xoghol tieghu ghaddejja 'l boghod mill-hanut ta' Michael Abela u kien hemm bniedem fiha u hasbu Michael Abela. Cempillu u Abela qallu li ma kienx huwa. Ix-xhud fetah il-hanut u sakemm kien qed isajjar ra l-karozza pparkjata. Hareg jara u ra bniedem bil-barnuza u ghalhekk m'gharfux.

L-espert **Dr Stephen Farrugia Sacco** ikkonferma[7] r-rapport tieghu fl-atti **tal**-Inkjesta.

**PS 644 Ivan Camilleri** kien espert nominat fl-inkjesta. Huwa ha diversi ritratti. Huwa xehed[8] li l-ezamijiet tal-impronti digitali ma kienux possibbli fuq il-pajp u jerrycan li kienu fuq il-post ghaliex kienu mcappsin bil-kiwidu. Huwa ha wkoll ritratti tal-Peugeot Reg Nru JAC 317.

**George Peplow** xehed[9] li eleva l-kampjuni tad-diesel u gew mghoddija lilu kampjuni li kienu ngabru. Ha wkoll kampjuni mit-tank ta' trakk li kien sgassat. Fir-rapport tieghu huwa kkomkluda li *"jidher car li d-diesel*

---

[4] Seduta tal-25 ta' Gunju 2014
[5] Seduta tal-25 ta' Gunju 2014
[6] Seduta tat-28 ta' Lulju 2014
[7] Seduta tat-23 ta' Settembru 2015
[8] Seduta tas-6 ta' Ottubru 2015
[9] Seduta tas-16 ta' Ottubru 2015

*imxerred fl-art ta' Mike's Petrol Station jaqbel mar-residwi ta' diesel li kien fihom iz-zewg jerrycans u bicca pipe elevata mill-pulizija".* In kontro-ezami spjega li billi s-suppliers f'Malta tad-diesel huma limitati jkun hemm biss varjazzjoni fi ftit ammonti kemm fil-kubrit u kemm fil-hydro-carbons. Dan ifisser li wiehed ma jistax jikkonkludi li mija fil-mija il-kampjuni differenti kellhom l-istess komposizzjoni pero' kienu relatati hafna.

**Ikkunsidrat**

Illi kif diga' gie rilevat gie ppruvat li twettaq serq ta' diesel mit-trakk Reg Nru HHQ 051 li kien ipparkjat f'Mike's Petrol Station, Hal Qormi fis-6 ta' Frar 2014. Biss pero' l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx oltre d-dubbju dettat mir-raguni li kien l-imputat li wettaq is-serqa li qed jigi addebitat biha. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. L-ufficjal investigattiv xehed li huwa ssuspetta li seta' kien l-imputat li wettaq is-serqa billi ftit qabel kienet twettqet serqa bl-istess *modus operandi* u kien tressaq l-imputat. Ghalkemm dan seta' kien bizzejjed biex l-imputat jigi arrestat u u jaffaccja l-akkuzi odjerni, madankollu mhux bizzejjed ghal sejbien ta' htija.

2. Il-Qorti rat il-footages estratti mic-CCTVs u mill-istess ma jistax jigi konkluz li l-figura maskili wiccu mghotti bil-hood huwa l-imputat ghaliex mhux daqstant car. Il-filmat ma tefax dawl fuq l-istills li gew annessi mar-rapport tal-espert.

3. Oltre dan fuq il-jerrycans u pajp li nstabu u fuq ix-xena tar-reat ma gew elevati l-ebda impronti digitali li b'xi mod jorbtu lill-imputat mas-serqa.

4. L-ufficjali tal-pulizija li marru fuq ix-xena tar-reat insegwitu ghar-rapport xehdu li raw ragel li saq il-karozza li ntuzat evidentement biex jingarru l-jerrycans bid-diesel misruq biss pero' qalu li r-ragel li kien qed isuq il-karozza kien liebes hood u ma rawx wiccu.

5. Aaron Caruana, il-lavrant ta' Michael Abela li nsterqitlu l-karozza biex jitwettaq ir-reat ta' serq ta' diesel, xehed li huwa ra ragel li halla l-karozza lura f'postha izda ma rax wicc dan ir-ragel li telaq jigri minn fuq il-post.

6. Il-fatt li ntbaghat pulizija fir-residenza tal-imputat fil-hinijiet bikrin ta' filghodu, ftit wara l-hin tas-serqa, u had ma fetah il-bieb ma jwassalx ghall-konkluzjoni li l-imputat necessarjament kien barra jew kien barra biex iwettaq is-serqa. L-ufficjal telaq minn fuq il-post u ghalhekk m'hemmx prova li l-imputat irritorna f'daru f'xi hin biex imbaghad meta marru l-pulizija biex jarrestawh sabuh hemm.

7. L-imputat dejjem cahad l-involviment tieghu fis-serqa.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Inkwantu ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ma tressqet ebda prova li tista' twassal ghal sejbien ta' htija.

L-addebitu tar-recediva huwa konsegwenzjali ghal sejbien ta' htija u kwindi lanqas dan l-addebitu ma jirrizulta li gie ppruvat.

Fl-ahharnett inkwantu ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest l-imputat mhux qieghed jinstab hati li wettaq reat u lanqas jista' jinghad li gie ppruvat li huwa kien barra mir-residenza tieghu oltre l-hin impost bhala rinkazar kif diga' gie spjegat aktar 'il fuq.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**